SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 23/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/11/'06** **212**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/11/'06** **265**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro

1.05 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-24 ta' Novembru 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju
4. Proposta għal sistema ta' One Way f'Sacred Heart Avenue

5. Ġemellaġġ
6. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 3 ta' l-aġenda qabel item 1 u 2.

**1.4** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 3. Rapport Finanzjarju

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2006 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni tar-rapport.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2006.

3.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant is-Sur Louis Padovani u l-iSegretarja Eżekuttiv Helen Walker.

3.07 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fis-2.25 p.m.

## 1.5 Approvazzjoni ta' Minuti

1.5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq Minuti 21/K5/06 u Minuti 22/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.5.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni ta' Minuti 21/K5/06.

1.5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.5.05 Il-Kunsilliera Irene Borg resqet emenda sabiex fil-Minuti 22/K5/06, Taqsima 7 paragrafu 7.05, wara l-kliem **19 ta' Diċembru** jiżdied il-

kliem **sad-9 ta' Jannar 2007.**

1.5.06 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

1.5.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.5.08 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 22/K5/06 kif emendati.

1.5.09 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.5.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 4561 | E-mail mingħand Schranz Ltd rigward vandaliżmu fil-fencing li jdawwar il- 5-A-side football pitch. |
| 4568 | Ittra mingħand is-Sinjura Christine Sleypen, Chairperson Owners' Association 131, Spinola Road, sabiex issir laqgħa mal-Kunsill biex jiġu diskussi problemi ta' overflow fi Triq Spinola. |
| 4932 & 5042 | E-mails mingħand il-Ministeru għar-Risorżi u Infrastruttura rigward Clean Up the World Malta 2006. |
| 4658 | E-mail mingħand l-Information Technology Services Ltd rigward tibdiliet fis-Sage Pastel Evolution Registration Policy. |
| 4693 | Ittra mingħand il-MEPA rigward fondi li jaqgħu taħt l-iskema *Urban Improvement Fund*. |
| 4710 | E-mail mingħand il-Viċi-Sindku Karl Gouder sabiex issir l-bankina fi Triq Ivo Muscat Azzopardi. |
| 4724 | E-mail mingħand il-Victoria Hotel sabiex jitqassam flyer mal-ħarġa tal-magażine. |
| 4798 | *Condition Report* mingħand Sant & Mugliett rigward l-Uffiċċju |

Aministrattiv tal-Kunsill.

4880 Ittra mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rigward Allokazzjoni ta' Bring-in Sites.

4924 Ittra mingħand l-ADT rigward 'single yellow line' faċċata ta' garaxxijiet.

4936 & K1153 E-mail mingħand is-Sur Albert Borg rigward prezzijiet għall-football pitch u għall-bandli.

4994 E-mail mingħand is-Sur Joseph Victor Camenzuli rigward ħsarat fil-propjeta tiegħu mill-kuntrattur Dimbros Ltd.

4999 E-mail mingħand Fr. Ray Francalanza rigward twaħħil ta' notice board fil-Millennium Chapel.

5005 Ittra mingħand il-Qala International Folk Festival rigward '*2nd International Folk Festival*'.

5065 E-mail mingħand is-Sur Omar Bugeja rigward servizz ta' sbanderatori.

5116 E-mail mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rigward xogħlijiet fuq il-Bridge Manwel Dimech.

5159 E-mail mingħand is-Sur David Tortell rigward '*overflow*' fir-residenza Stella Alpina, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan.

5173 Ittra mingħand l-ADT rigward il-parking bays fi Triq Alfred Gauci.

5207 E-mail mingħand l-ASKLM rigward il-Kunsilly Party.

5216 Invit mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija għal ftuħ ta' Fundraising Event "The Enchanted Forrest".

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 4568

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Christine Sleypen, iċ-chairperson ta' l-Owners' Association 131, Spinola Road, sabiex issir laqgħa mal-Kunsill biex jiġu diskussi problemi ta' overflow fi Triq Spinola, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sinjura

Christine Sleypen fl-Uffiċċju tal-Kunsill u li jiġu avżati l-Kunsilliera meta tkun ser isir din il-laqgħa.

2.03 Rif Nru. 4932 & 5042

Saret riferenza għall-e-mails mingħand il-Ministeru għar-Risorżi u Infrastruttura rigward Clean Up the World Malta 2006. Ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill, bil-parteċipazzjoni ta' l-iScouts, jipparteċipa f'din l-attivita' nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru 2006 u li jiġi mnaddaf ħdejn il-kwartieri ta' l-iScouts u t-Tigulio.

2.04 Rif. Nru. 4658

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-Information Technology Services Ltd rigward tibdiliet fis-Sage Pastel Evolution Registration Policy, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.05 Rif. Nru. 4693

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward fondi li jaqgħu taħt l-iskema *Urban Improvement Fund*. Ġie deċiż unanimament li l-Mepa tiġi nfurmata li l-Kunsill għandu l-ħsieb li bil-fondi msemmija jsir embellishment tal-Ġnien u l-Bandli Saver Zarb.

2.06 Rif. Nru. 4710

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Viċi-Sindku Karl Gouder sabiex issir l-bankina fi Triq Ivo Muscat Azzopardi, l-Kunsill qabel unanimament li din issir.

2.07 Rif. Nru. 4724

Saret riferenza għall-e-mail mingħand il-Victoria Hotel sabiex jitqassam flyer mal-ħarġa tal-magażine ta' Diċembru. Ġie deċiż unanimament li dawn jiġu nfurmati li għalissa l-Kunsill m'għandux il-ġurnata meta ser ikun lest l-magażine iżda malli l-Kunsill ikollu l-informazzjoni jiġu nfurmati.

2.08 Rif. Nru. 4798

B'riferenza għall-*Condition Report* mingħand Sant & Mugliett rigward l-Uffiċċju Aministrattiv tal-Kunsill ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta il-proposti tal-perit.

2.09 Il-Kunsillier David Borg wasal fit-2.55 p.m.

2.10 Rif. Nru. 4936

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall kwotazzjoni li rċieva mingħand is-Sur Albert Borg.

2.11 Rif. Nru. 4994

Saret riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur Joseph Victor Camenzuli rigward ħsarat fil-propjeta tiegħu mill-kuntrattur Dimbros Ltd. Is-Sindku Peter Bonello nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur diġa ġie nfurmat verbalment u ser isewwi l-ħsarat.

2.12 Rif. Nru. 4999

Saret riferenza għall-e-mail mingħand Fr. Ray Francalanza rigward twaħħil ta' notice board fil-Millennium Chapel. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku Peter Bonello, l-Viċi Sindku Karl Gouder u l-Kunsillier Richard Scicluna jiltaqgħu mal-Kappillani tal-lokalita' sabiex isir ftehim fejn ser jitwaħħlu n-notice boards u wara jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir il-'works order'.

2.13 Rif. Nru. 5005

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Qala International Folk Festival rigward '*2nd International Folk Festival*'. Il-Kunsill qabel unanimament li għat-tieni sena konsekuttiva jipparteċipa f'din l-attivita' u jekk ma jinstabux sponsors, il-Kunsill iħallas għall-ispejjeż.

2.14 Ġie deċiż unanimament li jinħatar sotto-kumitat maħtur mis-Sindku Peter Bonello, l-Viċi Sindku Karl Gouder, u l-Kunsilliera David Borg, Irene Borg u Richard Scicluna sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet u jinfurmaw lill-Kunsill qabel tittieħed xi deċiżjoni.

2.15 Rif. Nru. 5065

B'riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur Omar Bugeja rigward servizz ta' sbandieratori, ġie deċiż unanimament li meta jsir il-ftuħ tal-Ġnien Spinola jinxtara s-servizz ta' dan il-grupp biex jagħtu wirja.

2.16 Rif. Nru. 5159

Saret riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur David Tortell rigward '*overflow*' fir-residenza Stella Alpina, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ din l-e-mail tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill, Lino Cachia u jiġi nfurmat li s-Sindku Peter Bonello jixtieq jiltaqa' miegħu biex tiġi solvuta din il-problema.
- ✓ jekk l-ispiża ma teċċedix Lm 30 il-Kunsill jaċċetta li jagħmel ix-xogħolijiet għall-ispejjeż tiegħu.

2.17 Rif. Nru. 5173

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-ADT rigward Triq Alfred Gauci ġie deċiż unanimament li kopja ta' l-ittri K752/043/06, K1114/043/06 u Inc. 5173/06 jintbagħtu lill-MEPA.

2.18 Rif. Nru. 5207

Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-ASKLM rigward l-attivita' Kunsilly Party. Ġie deċiż unanimament li, għal sena oħra konsekuttiva, l-impjegati tal-Kunsill kif ukoll is-Sur Victor Cachia u Ms Roberta Sammut jattendu għal din l-attivita' bi spejjeż għall-Kunsill.

**4. Proposta għal sistema ta' One-Way f'Sacred Heart Avenue**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi proposta mressqa mill-Viċi Sindku Karl Gouder sabiex parti minn Sacred Heart Avenue ssir One-Way ( Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona li tintbagħat ittra lin-Network Infrastructure Directorate sabiex tiġi kkunsidrata din it-talba.

4.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Ġemellaġġ**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mas-Sur Peter Diacono rappreżentant ta' Pender Place ssemma s-suġġett li għandhom il-ħsieb li jagħmlu ġemellaġġ ma' Newcastle u

Edinburgh u ġie ssuġġerit li dan il-ġemellaġġ isir għall-Kunsill. Dan bi skop li dawn jixtiequ jagħmlu mużew fuq it-telegrafija ġo Mercury House u jixtiequ li jinvolvu lill-Kunsill. Dawn diġa għamlu mużew simili ġo pajjiżhom. Huwa maħsub li dan il-proġett ikun ta' attrazzjoni kulturali u turistika. Bħala spejjeż il-Kunsill mhux ser iħallas xejn. Aktar dettalji għandhom jingħataw aktar il-quddiem.

5.02 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**6. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li saret talba lill-Enemalta biex id-dawl tal-playing field jiġi provdut ma' l-istreet lighting kif kien qabel ġie rranġat il-ġnien.

6.02 Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Albert Borg mill-M.P. & D.C. jiġi mitlub:-

- ✓ jibgħat stima sabiex isir security fencing mad-dawra tal-playground u tal-playing field.
- ✓ jieħu kull azzjoni neċessarja biex kull fejn hemm it-taraġ mad-dawra tal-playing field / ġnien, jekk ikun possibbli ssir rampa wkoll.

6.03 Il-Kunsill ġie nfurmat bis-sitwazzjoni wara li applika għad-devoluzzjoni ta' l-art. Dan għad irid jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali u wara jiġi ffirmat ftehim mad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsill jista' jkollu l-bżonn li jagħmel Bye-Laws dwar l-amministrazzjoni tal-ġnien / ground / playing field / toilets u kiosk. Wara dan il-proċess il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk għandux jinħareġ tender rigward l-amministrazzjoni tal-ġnien /ground / playing field / toilets u kiosk.

6.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li:

- ✓ l-Kunsillier Edgar Montanaro jipprepara draft tal-Bye-Laws fir-rigward l-amministrazzjoni tal-ġnien / ground / playing field / toilets u kiosk.

- ✓ sakemm il-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni dwar id-devoluzzjoni l-Kunsill isib lil xi ħadd li temporanjament lest li jieħu ħsieb il-ftuħ, l-għeluq, s-sigurta' u t-tmexxija tal-ġnien / ground / playing field / toilets u kiosk dment li tingħata xi donazzjoni lill-Kunsill.

6.05 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fl-4.15 p.m.

6.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi kwotazzjoni biex isir dawl dekorattiv fil-ġnien f'Ta' Ġiorni ( il-parti ta' l-ewwel fażi) Ara Appendiċi ' Ċ'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ jsir dawl decorattiv għal żmien il-Milied fil-ġnien ta' Ġiorni ( l-ewwel fażi), fir-roundabout ta' Triq il-Mensija u fir-round-about ta' Paceville jekk din ta' l-aħħar ma tiġix imżejna mill-Ministeru tat-Turiżmu.

- ✓ Qabel tiġi kkonfermata l-kwotazzjoni, il-kuntrattur jiltaqa' fuq il-post mal-Kunsilliera Irene Borg biex jiġi diskuss kif ser isir it-tiżjin.

- ✓ Jekk huwa possibbli ma jintefqux aktar minn Lm 150.00 għat-tiżjin għal kull post imsemmi aktar 'il-fuq.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2158 sa 2191 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn-2158 sa 2191.

8.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- ✓ saret il-konferma mar-Razzett tal-Ħbiberija għall-coffee morning ta' l-anzjani li ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2006.
- ✓ sat-Tieta 5 ta' Diċembru 2006 il-Kunsilliera mitluba jipprovdu l-artikli għall-ħarġa tal-magażine li jmiss.
- ✓ wara l-Interviews li saru qed jiġi rrakkomandat li tingħażel Ms Lynette Portelli. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.
- ✓ ser jitħallsu Lm25 lis-Sur Vince Vassallo li għamilha ta' compere waqt is-serata ta' Ġieh San Ġiljan. Dan wara li jipprovdi l-fattura.
- ✓ Għadu ma rċevix il-pagament ta' Lm150 mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu għall-attivita' folkloristika li saret fis-7 t'Ottubru 2006 f'Xatt is-Sajjieda. Iżda dawn il-fondi ser jingħataw lill-Kunsill meta jsir il-karnival f'San Ġiljan is-sena d-dieħla.

9.04 Ġie deċiż unanimament li:

- ✓ għal sena oħra konsekuttiva jsir it-tiżjin ta' dawl dekorattiv għal żmien il-Milied.
- ✓ issir ikla għall-Kunsilliera, l-istaff u l-partners tagħhom, wara l-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena, ġewwa il-Lulu Restaurant.
- ✓ għal sena oħra konsekuttiva, bħala rikonoxximent ser jingħata xorb u / jew ċikkulatini lill-kuntratturi u dawk li jagħtu servizz lill-Kunsill.
- ✓ l-kuntratt ta' l-iskrivani Lindsay Debattista u Marisa Micallef jiġġeded għal tlett snin oħra.
- ✓ l-bilanċ tal-*leave* annwali tas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u ta' l-iskrivani Lindsay Debattista u Marisa Micallef

jiżdied mal-leave annwali tas-sena d-dieħla (Ara Appendiċi 'F') .

- ✓ Parti mill-fondi li hemm allokati għal Triq Sant' Elia jintużaw biex issir kisja tarmak. Dan minħabba li sakemm jitlesta l-iżvilupp li għaddej għad iridu jgħaddu s-snin.

- ✓ Bħala rikonoxximent għall-istedina li l-Kunsill kellu ma' l-Ambaxxatur Ċiniż din ser tiġi reċiprokata bi stedina simili nhar it-Tnejn, 2 t'April 2006, aktar dettalji jingħataw il-quddiem.

- ✓ Jingħata Lm 100.00 lill-iskrivana Connie Said bħala rikonoxximent għax-xogħol li wetqet matul is-servizz tagħha mal-Kunsill. Dan peress li Ms Said ser tieqaf taħdem.

- ✓ Il-persuni li ġew nominati għal Ġieh San Ġiljan jingħataw ritratt ta' l-okkażżjoni.

- ✓ Tiġi rranġata l-bankina f'Telgħet San Ġiljan k/m Triq Mrabat u Telgħet Birkirkara, in-naħa l-oħra ta' Dalli's Butcher.

- ✓ Tintbagħat ittra lill-Assistent Kummisarju Paul Sammut biex isir aktar sorveljanza fis-*side roads* kollha ta' Pacaville minħabba l-abbużi li qed jsiru speċjalment matul il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd.

- ✓ Tintbagħat works order liċ-Central District Office, is-Sur Joe Magro sabiex iduru t-tappieri kollha ta' Paceville minħabba li hemm ħafna minnhom li qed jagħmlu l-istorbju u qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti.

- ✓ l-Uffiċjal Awtorizzat s-Sur David Soler jiġi nfurmat biex jieħu kull azzjoni neċessarja minħabba li qed isir parking mar-roundabout li hemm fi Triq il-Wilġa, Paceville.

- ✓ Is-sena d-dieħla terġa ssir l-attivita' kulturali tal-Karnival f'San Ġiljan. Jekk il-Kunsill ma jsibx sponsors għal din l-attivita' l-Kunsill ser iħallas għall-ispejjeż.

9.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill kopja taċ-ċertifikat li ħadet għall-parteċipazzjoni tagħha waqt it-tmien kungress ta' l-UDITE (Ara Appendiċi 'G').

9.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'lista ta' oġġetti li m'għadhomx tajbin u

oħrajn biex jiddeċiedi x'ser jagħmel bihom (Ara Appendiċi 'H')
Ġie deċiż unanimament li l-oġġetti li m'humiex tajbin jintremew filwaqt li l-oħrajn jingħataw donazzjoni. Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jaraw lil min jingħataw.

9.07 Fuq suġġeriment biex jibda jingħata s-servizz tal-van ċirculari n-naħa ta' Triq il-Mensija ġie deċiż li dan is-suġġett jittella' fuq aġenda biex jiġi diskuss.

9.08 Il-laqgħa ta' Diċembru ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2006 fit-3.30 p.m. u wara ssir bibita fejn jiġu mistiedna wkoll il-kuntratturi tal-Kunsill.

9.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-5.05 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |